VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,882, 11 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 279 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science – B.Sc. (Hons) Health Science – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 295 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. L-applikanti għall-Kors għandhom ikollhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) il-Higher Diploma in Health Science jew id-Diploma in Health Science mogħtija mill-Università ta' Malta; jew

(b) kwalifika professjonali meqjusa mis-Senat bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (a);

u

(ċ) jkunu għaddew fl-ECDL Standard Certificate inkluż fil-Modulu tal-Presentation, sakemm li l-applikanti li jkunu għaddew mill-Moduli tal-Kors tal-ECDL li ġejjin qabel Ottubru 2013 jkunu ssodisfaw dan ir-rekwiżit:

Modulu 2: *Using the Computer and Managing Files*
Modulu 3: *Word Processing*
Modulu 6: *Presentation*
Modulu 7: *Information and Communication."*

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok is-sottoparagrafu (i) tal-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(i) kwalifiki akkademiċi (piż ta' 45%):

(a) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 80 u 100 fil-Higher Diploma in Health Science jew fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 45 marka;
(b) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 70 u 79 fil-Higher Diploma in Health Science jew fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 35 marka;
(ċ) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 45 u 69 fil-Higher Diploma in Health Science jew fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 25 marka;
(d) l-applikanti li m'għandhomx il-Higher Diploma in Health Science jew id-Diploma in Health Science iżda għandhom kwalifika professjonali li tkun meqjusa mis-Senat bħala ekwivalenti għandhom jingħataw 20 marka;"